# It-Tielet Ħadd tal-Għid

## Qari I

*Ma setax ikun li Ġesù jinżamm fl-irbit tal-mewt.*

Atti 2, 14.22-33

### Qari mill-Ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli

Nhar Għid il-Ħamsin, [14]Pietru flimkien mal-Ħdax qam u qal
lil-Lhud b'leħen għoli:

«Nies tal-Lhudija, u intom ilkoll li toqogħdu f'Ġerusalemm, kunu afu
dan u isimgħu sewwa x'se ngħidilkom jien. [22]Ġesù ta' Nażaret kien
bniedem li Alla takom prova tiegħu permezz tal-mirakli u
l-għeġubijiet u s-sinjali li għamel bih fostkom, kif intom stess tafu.
[23]Lil dan Ġesù, Alla telaqhulkom f'idejkom skond l-għerf u l-pjan
li fassal minn qabel, u intom neħħejtuh billi sallabtuh permezz ta'
nies ħżiena.

[24]Imma Alla qajmu mill-imwiet billi ħall l-irbit tal-mewt, għaliex ma
setax ikun li l-mewt iżżommu taħt is-setgħa tagħha. [25]Għax David
jgħid fuqu, "Żammejt lill-Mulej dejjem quddiemi, għax hu fuq
il-lemin tiegħi, biex qatt ma nitħarrek. [26]Għalhekk ferħet qalbi u mtela
bl-hena lsieni; u ġismi wkoll jistrieħ fit-tama, [27]għax inti ma titlaqx
fl-imwiet lil ruħi, u ma tħallix il-Qaddis tiegħek jara t-taħsir. [28]Inti
għarraftni t-triq tal-ħajja, timlieni bil-ferħ meta nkun quddiemek."

[29]Ħuti, ħalluni ngħidhielkom kif inħossha fuq il-patrijarka David; hu
miet u kien midfun u l-qabar tiegħu għadu magħna sa llum stess.
[30]Issa hu kien profeta, u kien jaf li Alla ħaliflu b'ġurament li kellu
jqiegħed fuq it-tron tiegħu bniedem ġej minn nislu. [31]David ra minn
qabel u ħabbar il-qawmien tal-Messija, u qal: "La kien mitluq
fl-imwiet, u lanqas ġismu ma ra t-taħsir."

[32]Lil dan Ġesù, Alla qajmu mill-imwiet, u ta' dan aħna lkoll xhieda.
[33]Għalhekk, issa li Alla għollieh bil-leminija tiegħu, huwa rċieva
mingħand il-Missier l-Ispirtu s-Santu li kien imwiegħed, u sawbu
fuqna, kif qegħdin taraw u tisimgħu.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Salm Responsorjali

Salm 15 (16) 1-2a.5.7-8.9-10.11

R/. (11a): Mulej, int tgħallimni t-triq tal-ħajja
*Jew*
R/. Hallelujah, hallelujah, hallelujah

1Ħarisni, o Alla, għax fik jien nistkenn.
2Jien għedt lill-Mulej: «Int Sidi,
m'għandix ġid ieħor ħliefek.»
5Mulej, inti s-sehem tal-wirt u r-riżq tiegħi,
inti żżomm f'idejk xortija. R/.

7Inbierek lill-Mulej li tani l-fehma;
imqar billejl qalbi tgħallimni.
8Inżomm lill-Mulej dejjem quddiemi,
għax bih f'leminti qatt ma nitħarrek. R/.

9Hekk tifraħ qalbi u tithenna ruħi,
u ġismi wkoll jistrieħ fil-kwiet.
10Għax int ma titlaqnix fl-imwiet,
ma tħallix il-maħbub tiegħek jara l-qabar. R/.

11Int tgħallimni t-triq tal-ħajja;
hemm il-milja tal-ferħ quddiemek,
hemm l-għaxqa għal dejjem f'lemintek. R/.

# Qari II

*Kontu mifdija bid-demm għażiż ta' Kristu, bħal Ħaruf bla tebgħa.*

1 Piet 1, 17-21

**Qari mill-Ewwel Ittra ta' San Pietru Appostlu**

Għeżież, [17]jekk intom issejħu Missier lil dak li, bla ma jħares lejn
l-uċuħ, jagħmel ħaqq minn kulħadd skond l-għemil ta' kull wieħed,
għixu fil-biża' ż-żmien tal-ħajja li qegħdin tgħaddu f'art barranija.

[18]Kunu afu li intom kontu mifdija mill-ħajja tagħkom fiergħa li ħadtu
mingħand missirijietkom, mhux b'xi ħaġa li tintemm, bħalma hi
l-fidda jew id-deheb, [19]imma bid-demm għażiż ta' Kristu, li kien bħal
ħaruf bla għajb u bla tebgħa.

[20]Hu kien ippredestinat sa minn qabel ma saret id-dinja, imma deher
fl-aħħar taż-żminijiet minħabba fikom. [21]Bih intom temmnu f'Alla, li
qajmu mill-imwiet u tah il-glorja; hekk il-fidi tagħkom hi wkoll tama
f'Alla.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

ara Lq 24, 32

Hallelujah R/. Hallelujah
Mulej, Ġesù, fissrilna l-Iskrittura;
ħeġġilna qalbna, int u tkellimna.
R/. Hallelujah

# Evanġelju

*Ibqa' magħna, għax issa sar ħafna ħin.*

Lq 24, 13-35

## ✠ Qari mill-Evanġelju skond San Luqa

13Dak in-nhar stess fl-ewwel jum tal-ġimgħa, ġara li tnejn
mid-dixxipli kienu sejrin lejn raħal jismu Għemmaws, xi sittin stadju
bogħod minn Ġerusalemm, 14jitħaddtu bejniethom fuq kull ma kien
ġara. 15Huma u jitħaddtu u jitkixxfu bejniethom, Ġesù nnifsu resaq
lejhom u baqa' miexi magħhom. 16Imma għajnejhom kellhom xi
jżommhom u ma setgħux jagħrfuh.

17U hu qalilhom: «X'intom tgħidu bejnietkom intom u miexja?»
U huma waqfu, b'ħarsa ta' niket fuq wiċċhom. 18Imbagħad wieħed
minnhom, jismu Kleofa, wieġeb u qallu: «Inti waħdek il-barrani
f'Ġerusalemm li ma tafx x'ġara hemmhekk f'dawn il-jiem?»
19«X'ġara?» staqsiehom Ġesù. Qalulu: «Dak li ġara lil Ġesù ta'
Nażaret, li kien profeta setgħan fl-għemil u fil-kliem quddiem Alla
u quddiem il-poplu kollu, 20kif il-qassisin il-kbar u l-kapijiet tagħna
tawh f'idejn il-gvernatur biex ikun ikkundannat għall-mewt u
sallbuh. 21Aħna konna nittamaw li hu kien dak li kellu jifdi lil Iżrael;
iżda issa, fuq kollox ġa għaddew tlitt ijiem minn dawn il-ġrajja!
22Issa wkoll xi wħud min-nisa tagħna ħasduna, għax marru kmieni
ħdejn il-qabar 23u l-katavru tiegħu ma sabuhx; ġew jgħidu wkoll li
dehrulhom xi anġli li qalulhom li hu ħaj. 24Imbagħad marru ħdejn
il-qabar xi wħud minn tagħna u sabu kollox kif kienu qalu n-nisa,
imma lilu ma rawhx!»

25Qalilhom Ġesù: «Kemm intom boloh u tqal biex temmnu kull ma
qalu l-profeti! 26U ma kellux il-Messija jbati dan kollu u hekk jidħol
fil-glorja tiegħu?» 27U beda minn Mosè u l-profeti kollha jfissrilhom
kull ma kien hemm fl-Iskrittura fuqu.

28Meta qorbu lejn ir-raħal fejn kienu sejrin hu għamel tabirruħu li
kien se jibqa' sejjer aktar 'il bogħod. 29Iżda huma ġegħluh jibqa'
magħhom u qalulu: «Ibqa' magħna, għax issa sar ħafna ħin u l-jum
ġa wasal biex jintemm.» Imbagħad daħal biex joqgħod magħhom.

30U waqt li kien fuq il-mejda magħhom, qabad il-ħobż, qal il-barka,
qasmu u tahulhom. 31Imbagħad infetħulhom għajnejhom u għarfuh,
iżda hu għab minn quddiemhom. 32U wieħed lill-ieħor bdew jgħidu:
«Ma kinitx imkebbsa qalbna ġewwa fina huwa u jkellimna fit-triq u
jfissrilna l-Iskrittura?»

33Dak il-ħin stess qamu u reġgħu lura Ġerusalemm. Hemm sabu
lill-Ħdax u lil sħabhom miġbura flimkien, 34u dawn qalulhom:
«Il-Mulej qam tassew, u deher lil Xmun!» 35U huma wkoll tarrfulhom
x'kien ġralhom fit-triq, u kif kienu għarfuh fil-qsim tal-ħobż.

**Il-Kelma tal-Mulej**
℟. Tifħir lilek Kristu